MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 2297/2003

**U.C.I.M. Co. Limited**

**vs**

**Roberto Magro u martu Ritalin Magro**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Novembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u seba' u sebghin lira Maltin (Lm377.00) rapprezentanti mport ta' erba' kambjali debitament accettati u skaduti minn Marzu 2003 sa Gunju 2003 rispettivament u mhux imhallsa.
Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' Novembru 2003 jammontaw ghal Lm18.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes kontraa l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni..

Ra n-nota prezentata mis-socjeta’ attrici fejn hija cediet is-sorte izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ghaldaqsatant it-Tribunal  filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-sojeta’ attrici l-ispejjes ta’ din l-istanza..

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------